MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2012

Numru 537/2012

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)

vs

Christian Curmi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 395694M, akkuzat talli nhar is-6 ta' Awissu 2011 ghall-habta ta' l-10:30 p.m. gewwa Birzebbugia

1. kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nicholas Aquilina skond kif iccertifika Dr. Mark Grech M.D. 2905 mill-Poliklinika ta' Rahal Gdid.
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha ssibu hati tal-imputazzjonijiet kontrih dedotti. Issa t-tieni imputazzjoni hija ta’ natura kontravenzjonali izda l-ewwel wahda titratta delitt konsistenti filli ghamel ferita’ ta’ natura gravi fuq certu Nicholas Aquilina. Dina l-ferita hija klassifikabbli bhala gravi billi ‘inter alia’ tikkonsisti fi sfregju fil-wicc. Hija ghalhekk kolpita bl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat. Ikkonsidrat l-eta’ minuri tieghu. Wara li rat l-Artikolu 216(1)(b), 338(dd), u 37 tal-Kap 9 tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------